MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 826/2000

Kawza Numru. 9

**Il-Pulizija**
**Assistent Kummissarju Stephen Gatt**

**VS**

**Louis Mallia, detentur tal-karta tal-identita' numru 319068M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Louis Mallia** li gie akkuzat talli:

a. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija bil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-

Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati taghhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali taht l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Ordni taht l-imsemmi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Brian Zammit** xehed dwar informazzjoni li kien ircieva li kien iddahhal fis-sala tal-Emergenza certu Karl Bonavia mitluf minn sensieh, aktarx konsegwenza ta' overdose. Dan skondtu kien hekk instab gewwa l-fond 102, Flat 8, St Domenic Street, Valletta.

Gie nfurmat l-Ufficjal Prosekutur minn Dr Jonathan Joslin dwar il-punturi ta' '*needle marks*' li sab fuq Bonavia.

Zied illi tul l-investigazzjoni rrizulta li dan Bonavia kien fil-presenza ta' certu l-Lalu - ghalih l-imputat, meta ntilef minn sensieh. Prezenti kien hemm ukoll ghal dan, certu Zizz minn Haz Zabbar.
Prezenta l-istqarrija tal-imputat bhala Dok BZ1 u l-fedina penali tieghu.

Xehed ukoll minn naha tieghu l-**Ispettur Josric Mifsud** li wkoll ikkonferma li kellmu llil Dr Jonathan Joslin dwar Bonavia li kellu daqqiet ta’ siringa tidher. Gie ndikat lilhom minn dan it-Tabib illi dan kien qed ibaghti minn overdose ta’ eroina.
Ikkonferma li tkellmu kemm mal-imputat u kif ukoll ma’ certu Grezzju Camilleri li allegatament kien fil-presenza ta’ dan Bonavia meta gara l-allegat overdose.
Ikkonferma wkoll, bhal fil-kaz tal-Ispettur Zammit, illi Bonavia kien irrilaxxa anke stqarrija guramentata.

**Kevin Brincat** minn naha tieghu kkonferma li kien mar fuqu l-imputat Louis Mallia u kien qallu li huh kien qieghed mieghu, u li ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu kienu “*...hadu xi droga u spicca overdose.*” Zied “*Staqsejtu x’gara u qalli li hija kien qieghed maghhom, mal-imputat u ma’ persuna ohra maghruf bhala z-Zizz, u Louis Mallia kien ghadu kif jaqbad ic-cheque tar-relief u qalli li kien offra, lil dan Grezzju u hija biex imorru mieghu sabiex jinqdew. Jinqdew billi jiehu d-droga. Fil-fatt qalli f’dik l-istess gurnata hija kien spicca overdose.*” (folio 37).
Zied jghid illi l-imputat anke qallu li kienu ttaqqbu. Qal illi meta sema’ hekk qabad jaghti lill-imputat.

Certu **Grezzju Camilleri**, maghruf bhala z-Zizz, xehed illi kien ma’ Louis l-imputat, u ma certu Clyde li huwa skondtu t-tifel ta’ Twanny. Qal dan illi kien Putirjal jiehu café, u hin minnhom mar fuqu l-imputat, mar ma’ Clyde jixtri d-droga. Qal illi regghu marru ghalih u flimkien it-tlieta marru go kerrejja gewwa l-Belt. Qal illi hemm kellu l-impressjoni li kien Louis (l-imputat) li sajjar l-smack. Qal illi l-Lalu ngetta lilu nnifsu, filwaqt illi Clyde ghamel l-istess. Ma ftakarx jekk Clyde fil-fatt uzax xi lazz jew lastiku biex jingetta lilu nnifsu.

Qal illi huma kienu cemplu ghall-ambulanza u ma kinx vera li riedu jitfghu lil dan Clyde fil-bahar. Anke marru l-Isptar minn fejn gabrithom il-pulizija.
Ma kinx jaf min fil-fatt xtara d-droga. Zied illi Clyde hassu hazin u li hu u Louis ghenuh. Ma kinx jaf dan Clyde kinx ukoll uzant tad-droga bhalu. Qal illi meta Clyde kien l-Isptar marru anke jfittxu l-familjari tieghu.
Ikkonferma li hu Clyde - Kevin kien fil-fatt xejjer daqqa ta' ponn lil Louis.

Minn naha tieghu **Clyde Bonavia** xehed viva voce.
Xehed li ghal zmien il-Milied, filghodu mar fuqu Louis l-imputat, maghruf bhala l-Lalu. Bdew jitkellmu. Qallu li kien sejjer jigbor ic-cheque tar-relief u kien sejjer jiehu l-smack. Staqsieh kinx sejjer mieghu, dan minn jeddu wiegbu li ma kinx jiehu. Qal illi dan Louis kien issuggerielu li jippruvaha, li jekk ma toghgbux jieqaf. Qal illi maghhom inqabad iz-Zizz. Il-Lalu staqsa lil dan ix-xhud jekk kellux flus, u dan tah hames Liri mit-tmienja li kellu. B'hekk qallu li kien ser imissu jgib tliet (3) pakkett, u li kellu jistennieh hdejn il-gabbana ta' Ninu.

Zied ukoll illi kien il-Lalu li qal liz-Zizz biex imur jixtri l-labar u wara nizlu go speci ta' karrejja gewwa l-Belt. Spjega li l-Lalu kien beda jsajjar l-smack. Meta tah in-needle staqsieh ukoll kinx jaf johodha – wiegbu fin-negattiv. Qal illi tahielu hu, pero zied illi sakemm nizel bil-qieghda jaqfel il-lazz ma kinx jaf x'gara.
Sab ruhu l-Isptar l-ITU. Qal illi l-lazz biex iqabbez il-vina nehhieh hu miz-zarbun.

**Dr Mario Scerri**, mahtur fl-Inkjesta ezebita (folio 50), ikkonkluda li:

“

1. *Illi Clyde Bonavia kellu puntura friska fuq l-aspett medjali tal-cubital fossa tal-id ix-xellugija;*

2. *Illi Bonavia ddahhal l-Isptar San Luqa mitluh minn sensieh fi stat ta’ hypothermia u hypoglycaemia;*

3. *Illi kien hemm partial response ghal narcan (pupil response);*

4. *Illi r-rizultat tat-tossikologija kien wiehed pozittiv ghall-opiates;*

5. *Illi dan kien kaz ta’ abbuz ta’ mid*-droga.”

Rat ukoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat. In kwantu ghall-istat tal-fedina penali tieghu ezebita, ftit jew xejn ghandha xi tghid il-Qorti dwar l-ammissibilita’ taghha, li ghalhekk ser tghaddi biex tezamina.
Qal illi kienu jsibuh bhala l-Lalu. Qal illi kien joqghod (post bil-kera), gewwa l-fond 102, Flat 8, St Domenic Street, il-Belt. Dwar iz-Zizz ammetta li kien jafu, sar jafu mill-Habs. Ammetta li hu u z-Zizz kienu jiltaqghu ghall-café u li kienu anke jaghmlu zewg passi flimkien. Dwar Clyde Bonavia, qal illi kien ilu jafu minn meta kienu tfal. Qal illi flimkien ma’ Clyde kien mar id-Detox, ghall-medicina tieghu. Flimkien marru l-Gzira, Suret il-Bniedem, minn fejn gabar ic-cheque ghall-valur ta’ tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm22.00). B’tal-linja waslu Putirjal u xi t-tlieta marru d-dar tieghu fejn kielu.
Lejn l-erbgha u nofs mar l-Imsida jiffirma l-Ghassa. Clyde baqa’ fil-flat, mentri z-Zizz baqa’ dejjem ma’ Louis Mallia. Jghid illi meta waslu lura lejn daru sabu lil Clyde rieqed mal-art fuq kutra. Haseb hazin, tant illi talab lill-gar biex icempel

l-Ambulanza ghax Clyde ma beda joghgbu xejn. Clyde ittiehed l-Isptar bl-Ambulanza.
Mar anke Putirjal ifittex lil hu Clyde – sab lil huh Kevin.

Minn hemm t'tal-linja skondtu marru l-Isptar. Staqsew lit-tobba ghal Clyde. Qalulhom l-istorja kif graw l-affarijiet.

Dwar id-daqqa ta' ponn li tah hu Clyde - Kevin, meta marru jkellmuh Putirjal, irrpsonda li dik kienet misunderstanding.

Qal illi Clyde kien mar ghandu darba. Nonostante cio', xorta jghid illi hallieh fil-flat wahdu. Kien meta rritorna lura mill-firma tal-ghassa tal-Imsida li sabu jitrieghed. Mistoqsi kif allura hallieh go daru wahdu, wiegeb illi ma kellux x'johodlu.

Mistoqsi hadux xi daqqa qabel telqu, wiegeb fin-negattiv. Qal illi Clyde quddiemu ma hax droga. Innega li hu kien gab l-eroina.
Innega li Clyde kien l-ITU fil-periklu tal-mewt ghax jghid illi kien qieghed jonhor.

Ikkunsidrat:

Illi certament hemm divergenza bejn dak illi stqarr l-imputat, u dak li qalu Grezzju u l-istess Clyde. Ghalkemm m'hemmx qbil bejn Grezzju u Clyde fuq minn min issomministra l-eroina lil Clyde, hemm qbil fuq min fil-fatt akkwista l-istess droga - nonostante li Louis Mallia jinnega li kien hu li ghamel dan.
Inutli l-imputat jinnega li fil-fatt it-tlieta nvoluti hadu d-droga flimkien, ghaliex fil-fatt kien hu li avvicina lil hu Clyde u qallu bl-overdose. Tant kien jaf bl-overdose ta' Clyde u tant fil-fehma tal-Qorti kien partecipi illi hu fil-fatt flimkien ma'

Grezzju marru l-Isptar jiccekkjaw fuqu. Anke fil-fatt jghid illi kien hu li talab li jcemplu ghall-ambulanza, nonostante li wara jilaghbha li ghalih Clyde ma kellu xejn, ghax ghalih kien qieghed jonhor.

Illi l-fatti prodotti juru li fil-fatt kien l-imputat illi pprokura d-droga u l-Qorti temmen anke l-verzjoni ta’ Clyde, anke minhabba r-reazzjoni tieghu ghall-eroina, illi l-guvnott tant kien estranju ghal din is-sustanza u l-uzu abitwali taghha, illi meta giet issomministrata lilu minn Mallia kellha effett kwazi fatali.

Ghaldaqstant  din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat ir-Raba’ Taqsima u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 22(2) tal-imsemmi Kapitolu u L.S. 101.02 u tikkundanna lil Louis Mallia ghal piena karcerarja ta’ tlitt (3) snin;
Tikkundannah ukoll ghal multa ta’ hamest elef Ewro (€5,000), b’dan illi l-istess multa ghandha tigi konvertita fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lil Louis Mallia ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal (tlieta mija u ghaxar Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€310.22), liema spejjez ghandhom jigu konvertiti fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------